MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 354/2002/1

**Andrea Seichel maghruf ukoll bhala Andrew Seychell**

**vs**

**Katerin Seichel nee` Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti izzewgu fit-22 ta' Gunju 1996 f'Hal Far limiti taz-Zurrieq;

Illi l-partijiet kienu nieqsa mid-diskrezzjoni necessarja biex jizzewgu u ghalhekk iz-zwieg hu null;

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-22 ta' Gunju 1996;

Bl-ispejjez; il-konvenuta ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbal tal-10 ta' Ottubru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-attur ta' erbghin (40) jum.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 13 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-partijiet kellhom id-diskrezzjoni necessarja meta izzewgu nhar it-22 ta' Gunju 1996 kif se ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi l-attur intavola din l-azzjoni semplicement biex ikun jista' jerga' jizzewweg u jkollu min idur bih u in vista ta' dan il-konvenuta fi kwalunkwe kaz m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' din l-istanza:

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 14 tal-process;

Rat in-nota tal-attur tal-4 ta' Novembru 2002 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 15 u 16).

Rat il-verbal tad-9 ta' Jannar 2003 fejn Dr Joseph Azzopardi ghall-attur iddikjara li m'ghandux provi aktar u inghata digriet tal-affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' erbghin (40) jum.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-30 ta' Jannar 2003 fejn permezz taghha esebiet zewg affidavits (fol 20 sa 23).

Rat il-verbal tat-2 ta' April 2003.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet tat-2 ta' Mejju 2003 fejn talbu l-Qorti tippronunzja s-sentenza fid-differiment li jmiss, u d-digriet tal-Qorti tal-5 ta' Mejju 2003 fejn laqghet it-talba biss li ma ssirx trattazzjoni.

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' Gunju 2003.
Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (a) Provi Prodotti

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur Andrew Seychell** sostna is-segwenti:

*"Jien u l-konvenuta izzewigna fit-22 ta` Gunju 1996. Jien kont armel wara 11-il sena zwieg (it-tieni zwieg tieghi ghaliex anke l-ewwel mara kienet mietet) u hi kienet xebba. Konna ilna nafu lil xulxin xi hames xhur ghalkemm kont ili nafha di vista ghaliex mill-istess rahal il-Gudja u naf ukoll il-familja taghha. Kont avvicinajt lill-ohtha u wasslitli risposta. Meta izzewwigt kelli 68 sena u hi cirka 58.*

*Qabel iz-zwieg ma ghamilnx kondizzjonijiet lil xulxin. Izzewwigna u morna noqghodu Birzebbugia. Ghedtilha li se nibdel it-testment u billi ghandi tifla mill-ewwel zwieg u hallejitilha l-usufrutt u xi haga tal-flus. Ghall-ewwel erba' snin kellna ftit tal-problemi izda xejn serju.*

*Wara erba' snin u cioe` fl-10 ta' Mejju 2000 konna qed nieklu u staqsitni biddiltx it-testment u ghedtitha li kont biddiltu. Nispjega li hi ma gabet xejn maghha. Qaltli se titlaq ghedtilha li l-bieb miftuh u telqet. Ma gietx lura anzi ghalkemm baghtilha risposta biex tigi ma xi nies inkuz Monsinjur Cachia u ma gietx xorta. Ktibt bl-Avukat (Dr John Vassallo) izda ma gietx anzi ma rrisponditx.*

*Fl-ahhar kitbitli l-ittra li qed nesebixxi bhala Dokument CS. Eventwalment isseparajna u lill-Imhallef fis-Sekond Awla qaltlu li l-paga ma kienetx isserviha u li darba hadet Lm10. Nghid li dan mhux veru. Inhoss li zzewwigna ghall-konvenjenza u ghall-flus. Ghandi proceduri pendenti quddiem iI-Kurja ghall-annullament. F'dawn il-proceduri qalet lill-Imhallef tar-rota li telqet ghax ma kontx bistha darba.*

*Nirrepeti li nhoss li zzewwgitni biex tiehu flusi infatti anke meta isseparajna bonarjament offrejtilha Lm2,000 u mill-ewwel accettat u ghamilna l-kuntratt."*

Illi fl-affidavit taghha **l-konvenuta Catherine Seychell**, sostniet is-segwenti:

*"Sirt naf lill-attur fl-1 ta' Frar ta' l-1996. L-attur kien mar ghand ohti Josephine Formosa u qalilha li kien thajjar ghalija. Thajjar biex jizzewwigni. Lil ohti kien qalilha li dak li kien ghamel ma' l-mara l-ohra se jaghmlu mieghi. Kien halla t-telephone number tieghu ma ohti u hi taghtuli jien kont cempiltlu u ghalhekk iltqajna.*

*L-attur wera ruhu nteressat li jizzewwigni. Qalli li jekk kont ta' fomm mitbuq kien anki ighidli x'ghandu bhala gid. Madanakollu jien accettajt li nizzewgu mhux ghal flusu imma ghal kumpannija. Wara dak in-nhar konna bqajna niltaqghu kuljum sakemm izzewwigna. Iffissajna d-data taz-zwieg nhar it-22 ta' Gunju 1996.*

*Wara z-zwieg morna nghixu ghandu, cioe` fid-dar tieghu 22nd March, Triq il-Musbieh, Birzebbugia. F'din id-dar huwa kien diga ghex ma nisa ohra ghaliex l-attur kien mizzewweg darbtejn ohra. Madanakollu l-ewwel zwieg tieghu gie dikjarat null filwaqt illi t-tieni mara tieghu kienet mititlu ftit qabel u cioe` f'Novembru 1995.*

*Qabel ma zzewwgina kont naf illi huwa kien diga mizzewweg darbtejn. Kif izzewwigna, l-affarijlet kienu mhux hazin. Ma kienx igorr, u kien anki jaghti kasi. Wara sitt xhur pero` beda jgorr illi ma nnaddafx sew u kien*

*jghajjarni wahmuga. Min-naha tieghi dejjem qdejt l-obbligi tieghi u kont anki insajjarlu. Jien kont nispicca d-dar wahdi kuljum ghaliex l-attur kien jaqbad it-triq u jitlaq. Kien biss jigi f'nofs in-nhar biex jiekol u wara jerga' jitlaq. Kien jghid li jkun il-laboratorju tal-paci.*

*Wara ftit beda wkoll jakkuzani illi naqsuh xi flus. Kien akkuzani li sraqtlu Lm660. Wara beda jehodha kontra tieghi ghax qal li bdew jonqsulu l-hwejjeg tal-mara l-ohra li kellu. Nghid illi ghalkemrn konna mizzewgin huwa ma kienx irid inehhi l-hwejjeg tal-mara l-ohra li kellu.*

*Nghid ukoll illi qabel ma konna norqdu huwa kien dejjem isemmi isem mara ohra li toqghod il-Gudja. Jien kemm-il darba rajtha quddiem il-bieb tad-dar tieghu pero` qatt ma rajtha tkellmu quddiemi. Kien jghidli li din ahjar minni.*

*Il-hajja matrimonjali taghna ma tantx kienet wahda felici. Minkejja l-eta` taghna kien ikollna ukoll x'naqsmu flimkien pero` nghid ukoll illi l-attur ma kienx ikollu x'jaqsam mieghi biex jikkonsma z-zwieg imma kien ideffes fin-nofs affarijiet mhux naturali biex jiehu gost bihom. Jien kont nirrifjuta li nkun uzata ghall-iskopijiet ta' mohhu ghalkemm darba minnhom ma stajtx nizgiccalu u weggani.*

*Hrug ftit li xejn. Kont spiccajt maghluqa fid-dar naghmel il-facendi qisni seftura. Kien izzewwigni semplicement biex ikollu xi hadd min idur bih. Kien anke qabbadni naghmel lista preciza ta' l-affarijiet li kont nixtri sabiex ikun jaf kemm ghandu jaghtini flus.*

*Minhabab l-akkuzi li kien jaghmilli minhabba s-sikkatura ezagerata tieghu u d-dwejjaq kbar li kienu jaqbduni ddecidejt li nitlaq mid-dar. Ma kienx lanqas ihallini inkellem il-girien ghax kien jinfexx jghajjarni. It-tghajjir u l-insulti kienu xi haga ta' kuljum.*

*Ghalhekk tlaqt mid-dar sabiex nipprocedi ghas-separazzjoni minn mieghu gialadarba ma kontx nista' nibqa' nghix hemmhekk. Kont mort nghix ghand it-tifla t'ohti. Meta hu sab ruhu wahdu u ma kellu lil hadd min idur bih riedni lura b'sahha. Jien pero` rrifjutajt li nerga'*

*lura f'dak l-infern u ghidt ahjar nibqa' wahdi milli mmur ma xi hadd li izzewwigni biss biex niehu hsiebu u ndur bih. Fil-fatt konna sseparajna bonarjament.*

*Wara s-separazzjoni sirt naf illi huwa diga kellu xi tlett nisa ohra u issa naf li qed jippjana li jerga' jizzewweg."*

Illi fl-affidavit taghha **oht il-konvenuta, Josephine Formosa**, sostniet is-segwenti:

*"Naghmel referenza ghall-affidavit ta' ohti Catherine Seychell u filwaqt li naghmel tieghi il-kontenut tieghu nikkonfermah bil-gurament."*

## (B) LIGI U GURISPRUDENZA

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap.255**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a queslla volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentiment, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (**Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** *(Torino, 1994), p. 97.*

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li:-

*"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il-consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*

(***Pompedda, MF.,* “Incapacita’ di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento”** *(Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li *“The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* (**Viladrich, P.J., *“Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated”* (Montreal, 1993), p. 686).**

## (c) Apprezzament tal-Provi

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ma kellux id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghmel dan il-pass taz-zwieg u fil-fatt huwa izzewweg ghall-konvenjenza tieghu litteralment u dan jidher mill-fatt li l-attur izzewweg lill-konvenuta biss sabiex ikollu kumpanija ta’ mara, tant li ma kien hemm ebda raguni ohra, ghaliex l-istess attur ghamel dan il-pass.

Illi bizzejjed jinghad li qabel iz-zwieg il-partijiet ftit li xejn kienu jafu lill-xulxin u in verita` jidher li anke l-konvenuta izzewget lill-attur ghall-kumpanija; dan kollu irrifletta ruhu fil-hajja flimkien ta’ bejn il-partijiet, *stante* li jidher car li qatt ma kien hemm affjatament bejn l-istess, u kienet ghal kollox nieqsa dik il-gibda u sentiment ta’ hajja ta’ komunjoni ta’ tnejn minn nies necessarja sabiex ikun hemm zwieg validu; fil-fatt jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda tal-partijiet rispettivament, wiehed malajr jinduna kemm il-partijiet kienu il-boghod minn xulxin f’kollox u l-iskop uniku ta’ kull wiehed u wahda minnhom kien biss sabiex jidhlu f’dan iz-zwieg ghall-iskopijiet taghhom izda mhux fil-kuntest tal-elementi essenzjali taz-zwieg, liema elementi essenzjali lanqas jidher li gew ikkunsidrati mill-istess partijiet. L-attiduni ta’ kull parti fil-hajja taghhom flimkien tikkonferma dan kollu, u fil-fatt meta ma setghux

litteralment jissaportu lill-xulxin, infirdu bla kliem u bla sliem.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak hawn deciz **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-22 ta' Gunju 1996 *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**